MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 194/2012

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Mifsud Kenneth**
**ID 124388M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Marzu, 2012 fejn il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tnejn u tletin ewro u erbghin centezmu (€632.40), skont l-anness prospett markat Dok 'A', liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta' l-internet bin-numru *DSL - 21571289 (KENIT),* numru

tal-kont *A/C 40124048,* moghti mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda' baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2013  u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija tnejn u tletin ewro u erbghin centezmu (€632.40)  bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------